**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta’ Ottubru, 2015

Rikors Konguntiv Nru : 253/15 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Marzu 2007 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet kienu infirdu legalment permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ippubblikat fit-23 ta’ Novembru 2010 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument ‘A’);

Illi l-avukat ta’ l-esponenti ddiskutiet il-possibilita ta’ rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin. Madanakollu m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghaddew ‘l fuq minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbu sabiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien prefiss mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Lulju, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta’ Novembru 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.